MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 29/2012/1

**Moumin Trabule`**

**v.**

**Il-Ministru tal-Gustizzja, l-Avukat Generali u**

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell intavolat mir-rikorrent appellant Moumin Trabule` minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Mejju 2014, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent u kkundannat lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**2.** Bir-rikors tieghu tas-26 ta' April 2012, l-attur talab lill-ewwel Qorti:

> "1. Tiddikjara illi d-detenzjoni kontinwata tal-esponenti kienet leziva tad-dritt tieghu ghal-liberta` hekk kif sancit fl-Artikolu 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tordna lill-intimati jhallsu kumpens finanzjarju xieraq ghaz-zmien illi l-esponenti qatta' l-habs b'mod leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu.
>
> "2. Tiddikjara illi gew lezi id-drittijiet tal-esponenti hekk kif sanciti fl-Artikolu 6 (1), 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni sabiex l-esponenti jigi ri-integrat fil-harsien tad-drittijiet tal-bniedem tieghu, fosthom l-annullament tas-sentenzi msemmija, jew liem minnhom.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati."

**3.** Il-fatti migjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmenta r-rikorrent huma kif gej:

> "1. Illi huwa kien gie Malta fit-30 ta' Gunju 2006 bhala *asylum seeker* u fl-24 ta' Awwissu 2008 gie arrestat in konnessjoni ma' allegazzjonijiet ta' stupru u

tentattiv ta’ stupru kontra tieghu u wara ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu u tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

“2. Il-proceduri msemmija ntemmu kwazi tlett snin wara fid-19 ta’ Awwissu 2011 b’sentenza li biha nstab hati u gie kundannat ghal tmien snin prigunerija. Matul il-proceduri huwa nzamm taht arrest preventiv minkejja diversi talbiet sabiex jinheles mill-arrest u sahansitra anke wara l-limitu legali li fih seta’ jinzamm taht arrest preventiv skont l-Artikolu 575(9) (iii) tal-Kodici Kriminali.

“3. Mis-sentenza msemmija huwa appella fil-31 ta’ Awwissu 2011 u fl-24 ta’ Jannar 2012 talab il-helsien mill-arrest peress li sadakinhar kien ghad ma hemm ebda indikazzjoni ta’ meta kien ser jinstema’ l-appell tieghu. Ir-rikors tieghu gie appuntat ghas-smigh fl-1 ta’ Frar 2012 u l-argument ewlieni tieghu kien li, *inter alia,* skont l-artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali kien jinsab taht arrest illegalment.

“4. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) cahdet it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest u dan fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi specjalment tal-artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali izda l-appell gie appuntat ghas-smigh fil-15 ta’ Frar 2012 quddiem l-istess Imhallef li kien ddecieda t-talba ghall-helsien mill-arrest.”

**4.** Fuq l-iskorta tal-fatti premessi, ir-rikorrent jilmenta minn lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghall-helsien, minn arrest arbitrarju ghat-tenur tal-Artikoli 5(1) u 5(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u minn lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit fl-Artikoli 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u qieghed jitlob li l-intimati jigu ordnati jhallsu kumpens finanzjarju xieraq ghaz-zmien li huwa ghamel il-habs b’lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu u li jinghata rimedji xierqa u opportuni ghal-lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, fosthom l-annullament tas-sentenzi msemmija “jew liem minnhom”.

**5.** Ir-ragunijiet li jaghti in sostenn tal-lezjonijiet allegati minnu huma sostanzjalment kif gej:

"1. Id-detenzjoni kontinwata tieghu kienet illegali minhabba illi z-zmien stipulat fl-Artikolu 575(7) ghadda ferm qabel ma inghatat is-sentenza finali fil-konfront tieghu u f'dan ir-rigward jiccita s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **The Police v. Nelson Arias** tad-29 ta' Frar 2012.

"2. Wahda mir-ragunijiet ghaliex ma nghatatlux il-libertà provvizorja kienet il-fatt illi bhala persuna ta' nazzjonalita` barranija huwa ma kellux residenza fissa kif trid il-ligi mentri din ma hix raguni valida ghac-cahda tal-helsien mill-arrest tenut kont ukoll tal-fatt li n-nuqqas ta' mizuri ta' moniteragg tal-moviment ta' persuni illi jigu moghtija l-liberta` provvizorja ma jistax jintuza bhala raguni biex tigi michuda l-liberta` provvizorja. F'dan ir-rigward saret referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Jovica Kolakovic v. Attorney General** tal-14 ta' Frar 2012 u ghas-sentenza tal-Qorti fi Strasbourg fl-ismijiet **Louled Massoud v. Malta** tas-27 ta' Lulju 2010.

"3. Ghalkemm l-arrest tieghu kien wiehed illegali, liema fatt ma giex kunsidrat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa ma kellu l-ebda mod kif ikollu *review* tal-illegalita` tal-arrest tieghu skont kif previst fl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif gie ritenut mill-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenzi moghtija fl-ismijiet **Kadem v. Malta** u **Sabeur Ben Ali v Malta**. Liema posizzjoni giet konfermata fil-kawza fl-ismijiet **Stephens v. Malta**, fejn intqal illi "*[i]t notes in this connection that in its judgments in Sabeur Ben Ali and Kadem (both cited above) the Court found that lodging a constitutional application would not have ensured a speedy review of the lawfulness of an applicant's detention for the purposes of Article 5(4) of the Convention. The Court's present judgment should not be seen as casting doubt on that finding*."

"4. Inoltre, huwa ma setax jappella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li cahdet it-talba tieghu u dan minnu nnifsu jammonta ghal-lezjoni tad-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 5 skont is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijet **Axisa Conrad v. L-Avukat Generali et**, deciza fl-20 ta' April 2012.

"5. Id-dritt tieghu ghal-libertà gie wkoll vjolat minhabba nuqqas ta' *due diligence* mill-intimati sabiex jittiehdu dawk il-mizuri kollha necessarji ghas-salvagwardja ta' tali dritt minkejja li kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Qorti Ewropeja kemm-il darba sabu lezjoni tad-drittijiet fundamentali minhabba nuqqasijiet fil-ligijiet nostrana li sa issa ghadhom ma gewx indirizzati. Inoltre, jirraviza l-istess lezjoni fil-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba tieghu biex jinheles mill-arrest ghaliex naqset li tapplika l-ligi b'mod korrett, injorat u skartat is-sottomissjoni tieghu li l-arrest tieghu kien illegali, u applikat artikolu tal-ligi li ma kienx applikabbli.

"6. Kien hemm ksur tad-dritt tieghu li jkun prezunt innocenti u ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti meta l-Imhallef li

ddecieda r-rikors tieghu ghal-libertà provvizjorja ddecieda wkoll il-mertu tal-kaz kontrih ghaliex bid-digriet li bih l-Imhallef cahad it-talba tieghu ghal-helsien mill-arrest wera li l-Imhallef kien diga` fforma opinjoni fuqu u b'hekk kien hemm nuqqas ta' imparzjalità oggettiva. F'dan il-kuntest saret riferenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea f"**Daktaras v. Lithuania**, **De Cubber v. Belgium** u **Incal v. Turkey**.

"7. L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li l-Qorti tal-Magistrati naqset milli tirregola l-atteggjament tax-xhieda u tal-prosekutur meta dawn fil-kors tal-proceduri quddiemha rreferew ghalih b'termini dispreggjattivi u jsostni li dan in-nuqqas tal-qorti jqajjem dubbji serji fuq kemm l-appellant verament gie trattat b'mod imparzjali."

**<u>Ir-Risposta tal-Ministru tal-Gustizzja, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>**

**6.** Permezz tar-risposta taghhom tat-23 ta' Mejju 2012 il-Ministru tal-Gustizzja, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija wiegbu li ghar-ragunijiet minnhom moghtija ma jirrizulta li kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent appallant u li ghalhekk l-allegazzjonijiet u talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

**7.** Fost ir-ragunijiet li jaghtu l-intimati appellati in sostenn tar-risposta taghhom ghar-rikors promotorju tar-rikorrent hemm li, inkwantu ghall-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni:

“1. fil-kaz odjern ir-rikorrent ghamel rikorsi ghall-helsien mill-arrest darbtejn biss u cioe` darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati wara li kien ilu 10 xhur taht arrest preventiv u darba quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali meta kien diga` hemm fil-konfront tieghu sentenza ta’ htija b’piena karcerarja moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u dan meta ai termini ta’ l-Artikolu 582 tal-Kap. 9 il-Qorti ma tistax *ex officio* taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija meta dan il-helsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkuzat u ghalhekk huwa nkoncepibbli kif ir-rikorrent, wara li kien skada t-terminu ta’ tnax-il xahar indikat fl-Artikolu 575 (9)(iii) ma ressaq ebda talba ghal helsien mill-arrest tieghu quddiem il-Qrati hlief sa wara li nghatat sentenza kontrih mill-Qorti tal-Magistrati u issa qed jippretendi li nkisrulu d-drittijiet fundamentali tieghu b’effett retroattiv.

“2. il-Qorti tal-Magistrati kellha ragunijiet relevanti u sufficjenti ghalfejn cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mir-rikorrent ghax l-ilment tieghu ma jirrizultax li qieghed jattakka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati f’dak l-istadju partikolari.

“3. meta r-rikorrent deherlu li kellu jitlob il-helsien mill-arrest it-tieni darba kienet diga` lahqet inghatat sentenza fil-konfront tieghu u ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma setghetx tinjora l-impatt tar-reati serji addebitati lilu quddiem l-ewwel Qorti meta giet biex tiddelibera ghal fini biss tal-affidabilita` tieghu fil-kuntest ta’ helsien mill-arrest <u>f’dak l-istadju tal-kawza</u> a tenur tal-Artikolu 575 (1) tal-Kap 9.

“4. il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali mhux talli tat interpretazzjoni tajba tal-ligi izda talli qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fl-assjem kollu taghhom, semghet lill-partijiet u imbaghad waslet biex hadet id-decizjoni taghha.

“5. fil-konfront tar-rikorrent diga` kien hemm ‘*a conviction by a competent court*’ u ghalhekk ic-cahda tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest pendenti l-appell kienet gustifikata skont l-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni u ghalhekk ma kien hemm ebda lezjoni ta’ l-Artikolu 5 imsemmi mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

“6. fi kwalunkwe kaz, il-perjodu li r-rikorrent ghamel taht arrest preventiv matul il-proceduri kollha partikolarment wara t-tnax-il xahar ser jigi mnaqqas mill-perjodu ta’ piena ta’ habs li huwa jrid jiskonta u dan a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk mhux biss m’hemm ebda ksur ta’ drittijiet fundamentali tar-rikorrent imma lanqas se jsofri xi pregudizzju f’dan is-sens.

“7. Illi ghalkemm ir-rikorrent qed jikkontesta biss il-legalita` ta’ l-arrest u mhux il-motivazzjoni li biha l-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, l-esponenti jirrelevaw illi minkejja li kien hemm sentenza ta’ htija fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali xorta qieset ic-cirkostanzi kollha u meta l-Qorti rat il-gravita` tal-kaz, il-biza’ li r-rikorrent iwettaq xi reat iehor minhabba li r-rikorrent kien akkuzat b’erba’ reati relatati ma’ stupru f’temp ta’ sitt xhur, il-fatt li nqabad in flagrante u flimkien ma’ dan kollu riedet tara li s-sigurta` tas-socjeta` tkun imharsa, il-Qorti ddecidiet li tichad it-talba ghall-helsien mill-arrest u dan ghamlitu skont il-ligi.”

**8.** Inkwantu ghall-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, l-intimati jaghmlu, *inter alia*, l-osservazzjonijiet segwenti:

> “1. Id-detenzjoni tar-rikorrent ma kienetx illegali, izda fi kwalunkwe kaz il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghandha s-setgha taghmel *review* ta’ allegat arrest illegali u filwaqt li l-intimati ddistingwew is-sentenzi tal-Qorti Ewropea f’Kadem v. Malta u Sabeur Ben Ali v. Malta l-intimati rrimarkaw illi fil-frattemp lahqu saru diversi emendi fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema emendi gew sussegwentement rikkonoxxuti mill-Qorti Ewropea stess fis-sentenza Stephens v. Malta *(no. 2)* fejn dik il-Qorti kienet qalet hekk fir-rigward tal-ligi Maltija:
>
> > *““As far as the general review made by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry is concerned, it appears that following the Aquilina and T.W. judgments (cited above), this court now has the power to examine all the issues related to the lawfulness of a deprivation of liberty, and must take into account the various circumstances militating for or against detention and to order release if there are no such reasons.”*
>
> “2. Ghalkemm ir-rikorrent ma setax jappella mid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell li cahditlu t-talba ghall-helsien mill-arrest, huwa seta’ ghamel rikorsi ghall-heslien kemm-il darba ried u ghalhekk ukoll ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni kif anki ritenut mill-Qorti Ewropea fis-sentenza Stephens v. Malta *(no. 1)* li ma sabet ebda differenza bejn talba biex tinbidel decizjoni permezz ta’ appell u l-istess talba li ssir permezz ta’ rikors lill-istess qorti li tkun tat id-decizjoni.”

**9.** Dwar l-allegata lezjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-intimati rrilevaw li:

> “Il-fatt li l-gudikant li ddecieda t-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest kien ukoll il-gudikant li ppresjeda l-Qorti li ddecidiet dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet kontra r-rikorrent ma jirrendix dik il-Qorti nieqsa mill-imparzjalità ghaliex z-zewg kwistjonijiet huma differenti minn xulxin u l-Qorti tibbaza d-decizjoni taghha fuq kriterji totalment differenti tant li l-helsien mill-arrest ma jinghatax ghax il-Qorti tahseb li l-akkuzat huwa x’aktarx innocenti u lanqas jigi michud ghax il-Qorti tkun diga` ffurmat xi opinjoni li huwa hati, izda ghax il-Qorti tkun tal-fehma li kapaci jaderixxi ruhu mal-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u konsegwentement il-fatt li l-Qorti tikkoncedi l-helsien mill-arrest jew le bl-ebda mod ma jimpingi fuq kif il-Qorti se tiddeciedi fuq il-htija o meno ta’ akkuzat.” (ara ***Jasinski v. Poland*** fejn

l-applikant allega "*he had not had his case heard by an "impartial tribunal" because the judge presiding over his trial had on many occasions dealt with his applications for release and had formed a preconceived view on his future conviction and sentence*." u l-Qorti Ewropea f'dan il-kaz kienet iddecidiet li ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 6(1) u qalet hekk f'para. 55)

**10.** L-intimati sostnew ukoll li ma kien hemm ebda ksur tad-dritt ghall-prezunzjoni tal-innocenza skont l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni meta fid-digriet taghha li bih cahdet it-talba ghall-helsien mill-arrest il-Qorti tal-Appell Kriminali rriferiet ghad-dritt tas-socjeta` "*li tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati*" u esprimiet il-fehma li "*jidhrilha li la darba mehlus hemm il-possibilita` kbira li r-rikorrent jerga' jikkommetti xi reat iehor.*", u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

"1. Fejn fid-digriet taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ghall-htija tar-rikorrent din kienet qed tirreferi ghall-htija misjuba mill-ewwel Qorti u ghalhekk dan b'ebda mod ma jimplika xi konvinzjoni personali ta' l-Imhallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell li meta eventwalment ta s-sentenza ta' l-Appell tal-15 ta' Marzu 2012, immotiva bizzejjed ir-ragunament tieghu li wasslu biex jasal ghall-istess konkluzjoni ta' htija bhalma waslet ghaliha l-ewwel Qorti;

"2. Dwar il-possibilita` li jikkometti reat iehor, il-Qorti kienet qed taghmel dak mehtieg minnha bl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 mentri meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi fuq il-mertu il-Qorti ma tqisx dak li jista' jaghmel ir-rikorrent fil-futur izda tistrieh biss fuq jekk il-provi prodotti jwasslux biex jippruvaw fil-grad ta' certezza mitlub mil-ligi u cioe` dak ta' minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija o meno ta' l-imputat."

**11.** Dwar l-allegazzjoni tal-mod allegatament dispreggativ ta' kif ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-ufficjal prosekutur irriferew ghar-rikorrent bi kliem bhal '*dak l-iswed'*, '*ghax dak razza ohra*' u '*ghax dawk kollha wicc wiehed*' l-intimati kategorikament jichdu dak allegat u fi kwalunkwe kaz isostnu li dak allegat

f'dan ir-rigward bl-ebda mod ma jimpingi fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 5(1), 5(4), 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**12.** Inkwantu ghar-rimedju mitlub, f'kaz ta' sejbien ta' ksur, l-intimati jissottmettu li ghalkemm il-Qorti tista' taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-*istandards* hija r-rimedju ewlieni. Fi kwalunkwe kaz isostnu li jekk il-Qorti ssib ksur tal-Artikolu 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni, m'ghandha taghti l-ebda rimedju hlief dikjarazzjoni f'dan is-sens stante li l-kaz kriminali kontra r-rikorrent huwa issa wiehed *res judicata* u r-rikorrent qed jiskonta s-sentenza moghtija lilu u cioe` dik ta' tmien snin prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li r-rikorrent dam arrestat qabel ma gew decizi l-proceduri kriminali kontrieh u b'hekk ma sofra l-ebda pregudizzju.

**13.** Inkwantu ghar-rimedju mitlub mir-rikorrent f'kaz ta' sejbien ta' ksur tal-Artikoli 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u cioè dak li jigu annullati s-sentenzi fil-konfront tieghu l-intimati jishqu li r-rimedju mitlub ma jista' qatt jitqies gustifikat tenut kont li l-allegazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward huma wkoll frivoli u vessatorji u qed isiru b'abbuz tal-process gudizzjarju inkwantu qed jitressqu ghall-ewwel darba proprju issa, u cioe` wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fejn sabet sejbien ta' htija b'kundanna ta' 8 snin prigunerija kif konfermata fl-interezza taghha mill-Qorti

tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mumen Traore sive Mumin Trabule`** b'mod li fiz-zewg kawzi msemmija r-rikorrent l-ewwel halla l-proceduri kollha quddiem il-Qrati ordinarji jigu konkluzi mbaghad qaghad jistenna u 'hareg mill-komma' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali; jinsistu li l-frivolu jew vessatorju jinkludi mhux biss l-infondat u l-fieragh izda wkoll it-tqanqil ta' argumenti, validi jew invalidi, b'mod intempestiv (x'aktarx ried jinghad "b'mod tardiv") u b'mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntaghzlu biex jergghu jifthu materja (primarjament it-thassir tas-sentenzi u tal-piena) li ormai tkun *res judicata*.

**Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti**

**14.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ghas-sentenza taghha tal-15 ta' Mejju 2014 kienu s-segwenti:

"**VI.** **Risultanzi**

**"1.** **Dwar l-ewwel talba**

**"a)** **Allegat ksur tal-Art 5(1) tal-Konvenzjoni**

"L-Art 5[1] huwa jipprotegi d-dritt ghal-liberta' tal-individwu kontra l-interferenza arbitrarju tal-Istat, izda fl-istess waqt jirrikonoxxi li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw deroga ghal dan id-dritt.

"Fil-kuntest tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz in ezami, u fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li ghalihom diga' rreferiet, din il-Qorti tirrileva illi talba ghal helsien mill-arrest trid issir mill-akkuzat permezz ta' rikors. It-talba tista' ssir f'kull stadju tal-procediment kriminali. Jekk ir-rikors isir wara li jkun ghadda t-terminu tal-arrest preventiv, fil-kaz tal-lum 12-il xahar, u qabel tinghata sentenza fl-ewwel grad ta' gudizzju, il-Qorti trid tilqa' t-talba. Jekk l-akkuzat ma jaghmilx it-talba anke wara li jkun ghadda t-terminu, il-Qorti ma tistax *ex officio* takkorda l-liberta' provizorja. Il-Qorti hija ghalhekk vinkolata mill-htiega li ssir talba permezz ta' rikors mill-akkuzat. Meta tinghata sentenza fl-ewwel grad ta' gudizzju, u jsir appell, u l-akkuzat jaghmel talba ghal helsien mill-arrest, anke jekk ikun ghadda t-terminu stabbilit mil-ligi, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni jekk takkordax il-liberta' provvizorja nkella le.

"Irrizulta li fil-kors kollu tal-procediment kriminali istitwit kontra tieghu, ir-rikorrent ipprezenta biss zewg rikorsi fejn talab il-helsien mill-arrest. L-ewwel rikors kien prezentat fl-24 ta' Lulju 2009, meta kienu ghaddew ghaxar xhur mill-prezentata tal-akkuza. Il-Qorti setghet ghalhekk tichad it-talba kif fil-fatt ghamlet. It-tieni rikors kien prezentat fl-24 ta' Jannar 2012, hames xhur wara li kienet inghatat is-sentenza tal-ewwel grad, u l-kawza kienet tinsab fl-appell. Il-Qorti tal-Appell Kriminali setghet tichad it-talba wara li taghti ragunijiet. Fil-kaz tal-lum, hekk ghamlet.

"Ir-rikorrent qieghed jippretendi illi kif appena ghaddew it-12-il xahar, kellha tkun il-Qorti tal-Magistrati illi *motu proprio* – sahansitra minghajr ma jitlobha l-akkuzat – taghtih il-liberta' provvizorja u ghax ma sarx hekk – jippretendi r-rikorrent – saret vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-approcc.

*" - omissis -*

"Ghar-rigward tat-talba li ghamel ir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest fl-istadju tal-appell, il-Qorti tirreferi ghad-digriet li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Frar 2012.

"Id-digriet kien jaqra hekk :-

""*Il-Qorti :*

"*Rat ir-rikors ;*

"*Rat ir-risposta ;*

"*Semghet lid-difiza u lill-Avukat Generali ;*

"*Filwaqt illi tifhem u tapprezza l-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-dritt tal-liberta' provvizorja, min-naha l-ohra ma tistax twarrab is-serjeta' tar-reat li tieghu nstab hati u t-theddida tieghu lejn is-socjeta' li ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati. Il-Qorti jidhrilha li darba mehlus hemm possibilita' kbira li r-rikorrent jerga' jikkommetti xi reat iehor. Ma tistax anqas twarrab il-fatt li r-rikorrent m'ghandux indirizz fiss u ma jaghtix dak l-affidament li din il-Qorti tehtieg sabiex tassigura li jidher kull darba li jkun hemm imsejjah.*

*"Ghalhekk il-Qorti thoss li r-rikorrent ma jissodisfax il-kriterji msemmija fl-Art 575(1) tal-Kap 9 u konsegwentement tichad it-talba. Tordna pero' li l-appell tieghu ghandu jinstema' fil-15 ta' Frar 2012 fid-9.00 a.m.*

*" - omissis - "*

"Fil-kaz tal-lum, il-fatti accertati kienu dawn :-

"Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati inghatat fid-19 ta' Awissu 2011. Ir-rikorrent ipprezenta rikors tal-appell fil-31 ta' Awissu 2011. Meta l-appell tieghu ma kienx ghadu appuntat, ir-rikorrent ipprezenta rikors fl-24 ta' Jannar 2012 ghall-helsien mill-arrest. Ir-rikors kien appuntat, trattat u deciz fl-1 ta' Frar 2012. Il-Qorti tal-Appell Kriminali appuntat l-appell ghall-15 ta' Frar 2012. L-appell kien trattat dakinhar u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu 2012. Il-kawza kienet deciza dakinhar bic-cahda tal-appell u konferma tas-sentenza appellata.

"Il-kwadru li johrog minn dawn il-fatti huwa illi f'temp ta' anqas minn xaghrejn u cioe' bejn l-24 ta' Jannar 2012 u l-15 ta' Marzu 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali : semghet u ddisponiet mir-rikors ghall-helsien mill-arrest ; appuntat l-appell ; semghet l-appell ; u ddecidiet l-appell. Il-kontestazzjoni tar-rikorrent dwar il-provvediment tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest certament mhijiex id-dewmien. Ironikament ic-celerita' "zejda" (ghar-

rikorrent) li biha l-Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet mill-appell tieghu hija lanjanza li r-rikorrent qieghed iressaq abbazi tal-Art 6 tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni li sejra tigi trattata ‘l quddiem.

“Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-mod kif kienet trattata t-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma kien hemm l-ebda ksur tal-Art 5(1) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tqis illi bis-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta’ Awissu 2011, ir-rikorrent kien instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannat tmien (8) snin prigunerija. Fil-konsiderazzjoni tat-talba tar-rikorrent, huwa evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali hadet kont tan-natura u tal-gravita’ tad-delitti li taghhom kien instab hati. Jidher car illi qieset li ghalkemm il-kaz tar-rikorrent kien fi istadju ta’ appell, ir-rikorrent kien – skont il-ligi – persuna kkundannata li kienet qeghda tiskonta l-piena imposta mill-Ewwel Qorti ghad-delitti li taghhom kien intab hati. F’dak l-istadju ghalhekk ma kienx kaz ta’ detenzjoni prolungata u ngustifikata ta’ persuna. Hadet konsiderazjzoni tal-possibilita’ tar-reiterazzjoni tar-reati li kieku kellha takkorda l-liberta’ provvizorja. Anke ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kenitx konvinta li r-rikorrent kien jaghti affidament illi sejjer joqghod ghal kondizzjonijet li kienet timponi li kieku akkordatlu l-helsien mill-arrest. U ghalhekk cahdet it-talba tieghu.

“Bil-posizzjoni li hadet il-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti ma ssib xejn lesiv ghad-drittijiet tar-rikorrent skond l-Art 5(1) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali pero’ ma waqfitx hemm izda wriet heffa fil-mod kif appuntat, semghet u ddecidiet l-appell tar-rikorrent.

“**b)** **<u>allegat ksur tal-Art 5(4) tal-Konvenzjoni</u>**

“Ir-rikorrent qieghed jallega illi fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, huwa ma sarx stharrig (*review*) tal-illegalita’ tal-arrest tieghu. Ighid illi huwa ma setax jappella mid-digriet tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fejn kienet michuda t-talba tieghu ghal helsien mill-arrest. L-“iter” tal-procediment kriminali juri li bejn l-2008 u l-2012 ir-rikorrent ghazel li jipprezenta biss darbtejn rikors ghall-helsien mill-arrest. Propju xejn ma kien jipprekludih milli jaghmel aktar talbiet b’mod partikolari fiz-zmien meta t-12-il xahar tal-arrest preventiv kienu ghaddew. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent mhuwiex jallega li wara d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-arrest tieghu kien illegali. Qieghed ighid biss illi huwa ma setax jappella mid-digriet.

*“- omissis -*

"Il-Qorti ma ssibx li kien hemm ksur tal-Art 5(4) tal-Konvenzjoni. Kien l-istess rikorrent li dam aktar minn hames xhur mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, sabiex jaghmel rikors ghal helsien mill-arrest. Minkejja d-dewmien tar-rikorrent, li l-istess rikorrent baqa' ma ggustifikax, ir-rikors kien appuntat fil-pront granet wara. Ir-rikorrent ma hax opportunita' ohra li jressaq talba ohra ghall-helsien mill-arrest wara li t-talba tieghu kienet michuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

"**2. <u>Dwar it-tieni talba</u>**

**[allegat ksur tal-Art 6(1) u (6(2) tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni]**

"Ir-rikorrent ighid illi tenut kont tal-motivazzjoni li gab l-Imhallef tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta cahad it-talba tieghu il-fatt li kien l-istess Imhallef li mbaghad iddecieda l-mertu tal-appell tieghu kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi skond ir-rikorrent dak l-Imhallef kellu a *preformed opinion* dwar il-kaz tieghu u ghalhekk ma kienx imparzjali. Min-naha taghhom l-intimati jissottomettu li l-Qorti kienet imparzjali u ma tressqet l-ebda prova li turi li ma kienx hekk.

"Kopjuza hija d-dottrina u l-gurisprudenza li tittratta dawk ic-cirkostanzi fejn nuqqas ta' imparzjalita' igib mieghu ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-Qorti sejra tigbor u tirreferi ghall-principji li huma pacifikament akkolti sabiex imbaghad, anke fuq l-iskorta taghhom, tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-istanza tar-rikorrent fil-kawza tal-lum.

"Il-partijiet jaghmlu riferenza ghall-element soggettiv u oggettiv fil-konsiderazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalita' tal-gudikant fil-kuntest tad-dritt ghal smigh xieraq."

**15.** F'dan l-istadju l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet rassenja kopjuza ta' dak li jghidu diversi awtoritajiet fosthom awturi, sentenzi ta' qrati Maltin u sentenzi tal-Qorti Ewropeja fi Strasburgu dwar il-materja u imbaghad issoktat tghid:

"F'**Romenskiy vs Russia** l-applikant kien qed jilmenta minn ksur tal-Art 6(1) fis-sens li l-gudikant ma kienx imparzjali ghaliex f'digriet fejn cahad it-talba ghall-helsien mill-arrest kien qal – "[*The application for release should be dismissed] on the ground that the applicant* ***has committed a serious crime****, he has not produced any document that would prove [that there exists] a danger to his life or health".* Dan kien digriet li nghata meta l-proceduri kriminali fil-konfront tal-applikant ma kienux ghadhom bdew u l-Qorti ta' Strasbourg sabet illi kien hemm vjolazzjoni ghaliex hemm il-gudikant esprima ruhu dwar l-kolpevolezza tal-applikant qabel ma kienu bdew il-proceduri fil-konfront tieghu. Dan huwa **l-fatt rilevanti u determinanti** li jaghmel il-fattispeci tal-kaz ta' "**Romenskiy**" differenti minn dak tal-lum ghaliex f'tal-lum ir-rikorrent talab il-helsien mill-arrest it-tieni darba mhux meta kien suspettat izda meta diga' kien hemm sentenza fl-ewwel grad ta' gudizzju.

"Il-Qorti irreferiet propju ghal din id-decizjoni, ghaliex ir-rikorrent qieghed jissottometti li huwa ddubita mill-imparzjalita' tal-Imhallef tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghaliex fid-digriet tieghu tac-cahda tal-helsien mill-arrest qal – "… *minn naha l-ohra ma tistax twarrab is-serjeta' tar-reat li tieghu instab hati u t-theddida tieghu lejn is-socjeta li ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati. Il-Qorti jidhrilha li darba mehlus hemm possibilita kbira li r-rikorrent jerga jikkommetti xi reat iehor."* Ir-rikorrent jilmenta li bil-frazi "*jinsab hati*" u bil-frazi "*jerga' jikkommetti reat iehor*" – l-Imhallef kien qed juri li huwa kellu *preformed opinion* meta wasal biex jaghti s-sentenza dwar il-mertu tal-appell. Din il-Qorti ma tarax illi b'li inghad fid-digriet in kwistjoni kien hemm *bias* jew *pre-formed opinion* u terga' tinsisti li l-fatti ta' "**Romenskiy**" ma jghoddux ghall-kaz taht ezami. Diversament minn dak il-kaz, meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz tal-lum giet biex tqis ir-rikors tar-rikorrent, hija kellha diga' quddiemha s-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabet lir-rikorrent hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija. Il-fatt li kien l-istess Imhallef li ddekreta r-rikors u li sema' l-appell mhuwiex vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Il-motivazzjoni wara c-cahda tar-rikors bl-ebda mod ma hija prova li l-Imhallef kien pregudikat kontra r-rikorrent. Anzi l-motivazzjoni segwiet il-kriterji li huma stabbiliti fil-ligi stess.

"Skond l-element <u>soggettiv</u>, l-imparzjalita' tal-Imhallef hija prezunta sakemm ma jkunx ippruvat il-kuntrarju. Fil-kaz tal-lum ma tirrizulta l-ebda prova li ssostni l-element soggettiv – lanqas il-kontenzjoni – din il-Qorti tghid – infondata tar-rikorrent – illi huwa kien jaf a priori l-ezitu tal-appell tieghu. In

kwantu ghall-element <u>oggettiv</u>, din il-Qorti ma ssib propju xejn fl-imgieba tal-Imhallef sedenti fl-appell tar-rikorrent li tiggustifika l-pretensjoni tieghu. Din il-Qorti m'ghandha propju l-ebda dubju legittimu dwar il-komportament tal-Imhallef sedenti.

"Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ir-rikorrent ilmenta b'li qal l-Imhallef fid-digriet, ma jsemmi xejn avers dwar is-sentenza li tat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li cahdet l-appell tieghu. Jilmenta biss li s-sentenza nghatat fi zmien qasir wisq ! Fil-fatt din il-Qorti ezaminat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali u ssib li dik id-decizjoni taghha kienet ben motivata tenut kont tal-provi akkwiziti u tal-aspetti ta' dritt. Minn qari akkurat tal-istess sentenza, il-Qorti ma ltaqghet ma' l-ebda fatt jew cirkostanza li jnissel fiha mqar suspett illi l-Imhallef sedenti seta' kien b'xi mod parzjali jew pregudikat fil-mod kif ittratta mar-rikorrent. Il-Qorti tirrafferma l-principju illi sabiex kumment ta' gudikant jitqies li huwa parzjali hemm bzonn li ssir il-prova li dak il-kumment kien qed imur oltre l-apprezzament tal-mertu. Ma jirrizultax li hekk kien il-kaz tal-lum. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-intimati illi meta fid-digriet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wzat il-kelma "*hati*", hija kienet kjarament qeghda qed tirreferi ghas-sentenza ta' htija li kienet tat l-Ewwel Qorti u mhux ghaliex l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet diga' pregudikata favur il-htija tar-rikorrent.

"Din il-Qorti ma tara l-ebda *actual prejudice* fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali ttrattat mar-rikorrent. Anzi din il-Qorti ssostni illi dik il-Qorti ttrattat mar-rikorrent <u>korrettement u skond il-ligi</u>, u fl-agir taghha ma ghamlet xejn lesiv ghall-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fil-kaz tal-lum ma jirrizultax illi kien hemm nuqqas ta' imparzjalita' soggettiva jew oggettiva.

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi quddiem l-Ewwel Qorti, ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-ufficjal prosekutur rriferew ghar-rikorrent b'mod dispreggjattiv u li dik l-attitudini kienet tqajjem dubji serji dwar kemm ir-rikorrent kien tassew ittrattat b'mod imparzjali.

"Dwar dawn il-kummenti il-Qorti rat l-atti kollha li gew pprezentati bhala prova fil-kawza tal-lum.

"Jirrizulta illi referenza ghar-rikorrent bhala "*iswed*" jew "*kollha ta' wicc wiehed*" saru f'dawn ic-cirkostanzi :-

*""(fol 45) :*

"*U jiena ddecidejt li ma naghmilx rapport ghax hsibt li l-pulizija mhux ser jgharfuh ghax dawk kollha wicc wiehed. U jiena ma kontx naf min hu*."

"(fol 73) :

"*Le, le jien l-ewwel ma grali, jien tkellimt maghha u ghidtilha l-affarijiet li gara lil, ghidilha gie iswed …*"

"(fol 81) :

"… *dahal u rajt lil dan ir-ragel jiena l-iswed hiereg*…"

"(fol 82) :

"*Mistoqsija jekk qed taghraf lil imputat tghid "Lil dan ir-ragel l-iswed li hawn fejn l-iehor.*"

"Din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa tassew ingust u rragonevoli li xi hadd jittenta li jestrapola kelma barra mill-kuntest li tkun tlissnet sabiex jipprova jallega vjolazzjoni. Dawn il-brani kienu kollha parti minn traskrizzjoni ta' xiehda li saret quddiem l-Ewwel Qorti u allura wiehed ghandu jqishom fil-kuntest tal-mistoqsijiet u risposti li kienu qeghdin isiru. Din il-Qorti qrat it-traskrizzjonijiet u kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, ma ssib li dak li nghad kien espress b'mod jew bi hsieb dispregjattiv ghar-rikorrent. Mill-atti tal-proceduri kriminali, ma jidher fl-ebda mument illi kien hemm xi trattament parzjali jew negattiva fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk din l-allegazzjoni tar-rikorrent hija respinta."

**Rikors ta' Appell ta' Moumin Trabule`**

**16.** B'rikors tal-4 ta' Gunju 2014, Moumin Trabule` talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, u tilqa' t-talbiet kollha tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra l-appellati.

**17.** L-aggravju tar-rikorrent appellant, minkejja d-diversi sfumaturi tieghu, huwa sostanzjalment wiehed konsistenti filli r-rikorrent appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi kif ukoll ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta sabet illi r-rikorrent appellant ma sofriex lezjoni tad-dritt tieghu ghal-liberta` u meta sabet illi r-rikorrent appellant ma sofriex lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali.

**Risposta ta' Appell tal-Ministru tal-Gustizzja, tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija**

**18.** Fir-risposta taghhom tat-18 ta' Gunju 2014, il-konvenuti jissottomettu li l-appell tar-rikorrent appellant ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

**19.** Fil-qosor, l-intimati appellati ssottomettew illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma fl-intier taghha. Huma jsostnu illi r-rikorrent appellant mhux biss ibbaza l-argumenti tieghu fuq uhud biss mill-artikoli tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall-kaz u halla barra ohrajn importanti izda addirittura ta' interpretazzjoni zbaljata tal-artikoli citati minnu u tal-obbligi tal-Qrati fil-kompetenza taghhom skont il-Kodici Kriminali. Skont il-intimati appellati, l-ewwel Qorti analizzat korrettement il-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz odjern, ghamlet apprezzament korrett tal-fatti tal-kaz u l-konsiderazzjonijiet li wasslet ghalihom dwar l-allegat ksur tad-dritt tar-rikorrent appellant ghal-liberta` u ghal smiegh xieraq huma legalment korretti u konformi mal-interpretazzjoni moghtija lill-artikoli rispettivi tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Verbal tal-Qorti Kostituzzjonali tas-17 ta' Novembru 2014**

**20.** Permezz tal-verbal tas-17 ta' Novembru 2014, Dr. Anne Marie Spiteri ghar-rikorrent appellant iddikjarat li qeghdha tirtira interament it-tieni aggravju kif dedott fir-rikors tal-appell kollu kif ukoll qed tirtira l-paragrafi 10(b) u 10(c) tal-ewwel aggravju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**It-Tielet Aggravju**

L-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni minhabba n-nuqqas ta' legalita` tad-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent (1)

**21.** Tenut kont tal-fatt li t-tielet aggravu jindirizza kwistjoni preliminari dwar japplikax l-obbligu tal-helsien mill-arrest taht garanzija prevista fl-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali fis-sede tal-appell wara s-sentenza fil-prim'istanza din il-Qorti sejra qabel xejn tindirizza dan l-aggravju peress li l-ezitu tal-ewwel aggravju jiddependi mill-ezitu fuq dan it-tielet aggravju waqt li t-tieni aggravju, kif inghad, gie rtirat.

*Verzjoni tar-rikorrent appellant*

**22.** Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta sabet illi t-terminu massimu ta' tnax-il xahar stipulat fl-Artikolu 575(7), b'applikazzjoni tal-Artikolu 575(8)(b) u 575(9)(a)(iii) tal-Kodici Kriminali, huwa applikabbli biss sad-data tad-decizjoni fl-ewwel grad u li ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha diskrezzjoni biex ma takkordax il-liberta` provizorja mitluba.

*Verzjoni tal-Intimati appellati*

**23.** L-intimati appellati jaghmlu referenza ghall-Artikolu 416(3) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi illi fl-istadju tal-appell il-Qorti tal-Appell Kriminali tista' skont il-ligi tiddeciedi jekk taghtix il-helsien mill-arrest jew le. Skont l-intimati appellati, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk mhijiex obbligata bil-ligi li tikkoncedi l-helsien mill-arrest kif qieghed jippretendi r-rikorrent appellant. Huma jargumentaw illi a kuntrarju ta' dak li qed jallega r-rikorrent appellant, il-ligi taghna hija pjenament konformi mal-Konvenzjoni Ewropeja u la taghti inqas u lanqas aktar drittijiet lill-akkuzat.

**24.** L-intimati appellati jzidu illi l-Kodici Kriminali ma jaghti ebda dritt awtomatiku li l-imputat jibqa' hieles sakemm tinghata sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'kaz li jkun hemm appell u ghaldaqstant l-argumenti tar-rikorrent appellant f'dan is-sens huma legalment insostenibbli.

*L-Apprezzament tal-Qorti*

**25.** F'dan l-istadju l-Qorti ser tipprexxindi minn kemm hu t-terminu ta' detenzjoni preventiva applikabbli ghar-reati li bihom kien imputat l-appellant peress li dak li principalment irid jigi determinat fil-kuntest ta' dan l-aggravju hi l-kwistjoni ta' natura generali dwar jekk l-obbligu tal-Qorti li tordna l-helsien mill-arrest tal-imputat fic-cirkostanzi appoziti fil-kaz ta' skadenza tat-termini massimi ta' detenzjoni preventiva previsti fl-Artikolu 575(7) japplikax ukoll

f'sede ta' appell wara s-sentenza fl-ewwel istanza. L-ewwel Qorti jidher li kienet tal-fehma li f'sede ta' appell, anki meta ghadda t-terminu massimu ta' detenzjoni preventiva u l-akkuzat jaghmel talba ghall-helsien mill-arrest, kien fid-diskrezzjoni tal-Qorti tikkoncedix il-helsien mill-arrest jew le. Di fatti fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet hekk:

> "Meta tinghata sentenza fl-ewwel grad ta' gudizzju u jsir appell, u l-akkuzat jaghmel talba ghal helsien mill-arrest, anke jekk ikun ghadda tterminu stabbilit mil-ligi, il-Qorti ghanda d-diskrezzjoni takkordax il-libertá provvizorja nkella le."

**26.** L-ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet ghall-konkluzjoni taghha fuq citata. L-interpretazzjoni tad-dispozizzjonijiet penali tispetta primarjament lill-qrati ta' kompetenza kriminali izda in vista tal-fatt li lil din il-Qorti ma giet indikata ebda gurisprudenza tal-qrati kriminali dwar il-materja spetta ghal din il-Qorti li tiddetermina jekk l-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni penali inkwistjoni hijiex wahda ragjonevoli.

**27.** L-Artikolu 575(7) jipprovdi testwalment kif gej:

> "Il-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jinghata wkoll dejjem lil persuna imputata ta' reat kemm-il darba fiz-zminijiet specifikati fis-subartikolu (9), li jibdew jghoddu kif provdut fis-subartikolu (8), ma jkunx hemm sentenza finali li tillibera, issib hati jew tikkundanna lill-persuna hekk imputata."

**28.** Id-dispozizzjoni msemmija, ghalhekk, kategorikament tipprovdi li l-helsien mill-arrest ghandu jinghata jekk fit-termini tad-detenzjoni preventiva massima previsti mil-ligi ma jkunx hemm sentenza finali li tillibera, issib hati jew tikkundanna lill-imputat. Ma tghidx “jekk ma jkunx hemm sentenza li tillibera, issib hati jew tikkundanna lill-persuna hekk imputata” izda “jekk ma jkunx hemm sentenza finali....”. (sottolinear ta’ din il-Qorti). F’kaz ta’ appell mill-persuna misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati l-Artikolu 416(3) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li d-dikjarazzjoni tal-appell twaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-persuna misjuba hatja li tkun taht arrest, bhal fil-kaz tar-rikorrent. Dan ifisser li fil-kaz ta’ persuna li tkun taht arrest u li tinsab hatja b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta’ gudikatura kriminali u li tappella minn dik is-sentenza iz-zmien ta’ detenzjoni li taghmel dik il-persuna fil-pendenza tal-appell sakemm il-Qorti tal-Appell taghti s-sentenza taghha jkun zmien ta’ detenzjoni preventiva u mhux zmien in esekuzzjoni tas-sentenza appellata. Dan necessarjament jimplika li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tkun ghadha ma hix wahda “finali” u li hi “finali” s-sentenza li eventwalment taghti l-Qorti tal-Appell. Fil-kaz ta’ talba ghall-helsien mill-arrest fuq ghar-raguni li skadew it-terminu massimu ta’ detenzjoni preventiva hu l-Artikolu 575(7) li japplika u mhux l-Artikolu 416(3) tal-Kodici Kriminali indikat mill-Avukat Generali.

**29.** Kunsiderazzjonijijiet diversi jistghu japplikaw fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija mill-Qorti Kriminali u appell mill-istess.

**30.** Ghalhekk, fic-cirkostanzi appoziti, l-obbligu tal-helsien mill-arrest taht garanzija meta jghaddu t-termini massimi tad-detenzjoni preventiva jibqa' japplika minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u sakemm tinghata s-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell.

**31.** Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi parzjalment akkolt fis-sens limitat tal-konsiderazzonijiet premessi.

**L-Ewwel Aggravju**

L-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni minhabba n-nuqqas ta' legalita` tad-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent (2)

**32.** Huwa opportun li f'dan l-istadju jigi indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellant li, bhat-tielet aggravju, jimpingi fuq il-legalita` tad-detenzjoni kontinwata tieghu.

*Verzjoni tar-rikorrent appellant*

**33.** F'dan l-aggravju r-rikorrent appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta sabet illi l-appellant ma kienx sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal-liberta` meta baqa' jinzamm taht arrest preventiv

ghal zmien oltre` mill-massimu illi tippermetti l-ligi. Huwa jargumenta illi peress li b'applikazzjoni tal-Artikolu 575(8)(b) u 575(9)(a)(iii) tal-Kodici Kriminali huwa seta' jkompli jinzamm taht arrest preventiv ghal perjodu massimu ta' tnax-il xahar minn wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni u fil-fatt dam izjed minn dan il-perjodu u qatt ma nghata liberta` provizorja matul l-andament shih tal-proceduri kriminali kontra tieghu, hu sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu kkontemplat taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**34.** Ir-rikorrent appellant spjega ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament u applikazzjoni zbaljata tas-sentenza fl-ismijiet **The Police v. Nelson Arias** u sostna illi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi hu ma sofra l-ebda lezjoni tad-dritt tieghu ghal-liberta` ghar-raguni illi kien applika ghal-liberta' provizorja darba wahda biss wara li skadew it-tnax-il xahar.

**35.** Hu ghamel referenza wkoll ghall-Artikolu 519 tal-Kodici Kriminali u sostna illi l-Qrati tal-Gustizzja kriminali ghandhom l-obbligu li jaraw li d-detenzjoni tal-akkuzat hija f'kull mument konformi mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u darba li nzamm taht arrest preventiv oltre t-terminu massimu permess isegwi li kien hemm lezjoni tad-dritt sancit b'dak l-artikolu.

*Verzjoni tal-Intimati appellati*

**36.** Skont l-intimati appellati, ir-rikorrent appellant jaghti stampa parzjali u skorretta tad-dispozizzjonijiet legali applikabbli mentri l-ewwel Qorti ghamlet analizi shiha u korretta tal-istess dispozizzjonijiet li jikkoncernaw l-ghoti tal-liberta` provizorja b'mod partikolari tal-Artikolu 412B(1) tal-Kodici Kriminali li jpoggi l-oneru fuq l-akkuzat li jaghmel talba b'rikors fi kwalunkwe stadju tal-proceduri kriminali sabiex jitlob il-helsien mill-arrest b'dan li jekk, bhal fil-kaz odjern, il-perjodu tal-arrest preventiv ikun ghadda, a tenur tal-Artikolu 575(5) il-Qorti tkun obbligata li tilqa' tali talba. Dan jirrizulta wkoll car mill-Artikolu 582(1) li jispecifika bl-aktar mod inekwivoku illi l-Qorti ma tistax *ex officio* taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**37.** Il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok id-dispozizzjonijiet legali li jirregolaw it-termini relevanti in konnessjoni mad-detenzjoni u l-helsien mill-arrest taht garanzija quddiem il-qrati kompetenti huma l-Artikoli 575(5)(6)(7)(8) u (9) tal-Kodici Kriminali.

**38.** Ghalkemm premessa ewlenija tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu hi li fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati nzamm detenut ghal zmien aktar minn dak permess mil-ligi skont l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali, tenut kont tal-pieni previsti ghar-reati li bihom kien imputat, huwa qatt ma specifika fl-istess rikors kemm kien il-perjodu massimu li, skont hu, ghalih seta jinzamm

detenut. Ir-rikorrent, izda, jinvoka l-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar il-perjodu massimu ta' detenzjoni preventiva meta tkun saret kumpilazzjoni u l-Avukat Generali jkun baghat lill-imputat biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati kif inhu l-kaz tar-rikorrent. F'din ic-cirkostanza l-perjodu massimu ta' detenzjoni preventiva jibda jiddekorri minn dakinhar li l-Avukat Generali jkun baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati[1].

**39.** Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu tat-30 ta' Awwissu 2012 fil-prim'istanza[2] ir-rikorrent jippreciza li "meta spiccat il-kumpilazzjoni" il-massimu tal-arrest preventiv li ghalih seta jinzamm sakemm jinghata sentenza finali kien ta' tnax-il xahar[3]. Dan ma jidhirx li hu kontestat mill-Avukat Generali li skont hu r-reati li bihom kien imputat ir-rikorrent kienu jimportaw piena ta' bejn tliet snin u disa' snin[4] (effettivament minn tliet snin <u>sa</u> disa' snin) li jfisser li wara li l-Avukat Generali baghat lir-rikorrent sabiex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati l-perjodu massimu ta' detenzjoni preventiva ma setghetx teccedi l-perjodu ta' tnax-il xahar skont l-Artikolu 575(9)(a)(iii) tal-Kodici Kriminali citat ukoll mir-rikorrent fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu msemmija[5]. Ghalhekk jidher li hemm qbil dwar dan il-perjodu massimu ta' tnax-il xahar.

[1] Art. 575(8)(b)
[2] Fol 201 -219
[3] Fol. 205, para. 11
[4] Risposta tal-intimati fol. 20
[5] ibid

**40.** Fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, l-Avukat Generali baghat lir-rikorrent biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Dicembru 2009 u ghalhekk minn dakinhar beda ghaddej it-terminu relevanti ta' tnax-il xahar imsemmi matul iz-zmien kollu mid-data tar-rinviju ghall-gudizzju sad-data tas-sentenza finali kif previst fl-Artikolu 575(7) fuq imsemmi. Is-sentenza "finali" fil-proceduri kriminali relevanti kontra r-rikorrent, kif gia` stabbilit fil-kunsiderazzjonijiet dwar it-tielet aggravju, hi dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali li nghatat fil-15 ta' Marzu 2012, u cioe` perjodu ta' sentejn u tliet xhur circa wara r-rinviju ghall-gudizzju li matulu r-rikorrent baqa' detenut. Dan il-perjodu kien cirka hmistax-il xahar itwal mill-perjodu ta' tnax-il xahar fuq imsemmi.

**41.** Tal-anqas fir-rikors promotorju tal-gudizzju r-rikorrent kien isostni li l-fatt li "d-detenzjoni kontinwata tieghu kienet illegali minhabba illi z-zmien stipulat fl-Artikolu 575(7) ghadda ferm qabel ma inghatat is-sentenza finali fil-konfront tar-rikorrenti". Jirrizulta kjarament, ghalhekk, li r-rikorrent kien qieghed isostni li l-fatt wahdu li d-detenzjoni tieghu kompliet wara z-zmien stipulat fl-Artikolu 575(7) (ghalkemm qatt ma specifika kemm kien dan iz-zmien) dan irrenda d-detenzjoni kontinwata tieghu kontra l-ligi. Irid ghalhekk jigi ezaminat jekk il-perjodu ta' detenzjoni li r-rikorrent ghamel matul il-perjodu msemmi ta' madwar hmistax-il xahar kienx perjodu ta' detenzjoni "illegali" u dan peress li l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jirrikjedi li sabiex id-detenzjoni relevanti tkun konformi mal-istess artikolu din trid tkun "skont il-ligi".

**42.** Jirrizulta li meta fir-rikors promotorju tal-gudizzju r-rikorrent kien qieghed isostni li d-detenzjoni kontinwata tieghu wara l-iskadenza taz-zmien stipulat fl-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali kienet kontra l-ligi huwa kien qieghed jistrieh fuq is-sentenza li inghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali tad-29 ta' Frar 2012 fl-ismijiet **The Police v. Nelson Arias**. Fil-frattemp, izda, dik is-sentenza giet appellata quddiem din il-Qorti li, bis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 2012 fl-istess kawza ghamlitha cara li ma kinitx tikkondividi l-konsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti ta' prim'istanza fosthom fejn irriteniet li l-fatt wahdu li l-imputat kompla jigi detenut in eccess taz-zmien previst fl-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali dan kien jirrendi dik id-detenzjoni illegali. Di fatti f'dik is-sentenza din il-Qorti rriteniet li *"The continued detention would have become illegal had a request for bail been made by the defendant and that request denied."* U f'*footnote* in sostenn tal-konkluzjoni taghha ghamlet riferenza ghall-Artikoli 574(1), 575(10) u 582(1) tal-Kodici Kriminali b'dan l-ahhar artikolu jipprovdi li l-Qorti hi prekluza milli taghti l-helsien mill-arrest *ex ufficio*.

**43.** Ghalhekk, il-kontenzjoni originali fir-rikors promotorju tal-gudizzju li d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent ma kinitx skont il-ligi ghar-raguni biss li kien skada z-zmien previst fl-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali ma hix legalment fondata.

**44.** Tenut kont tal-fatt li mid-data tar-rinviju ghall-gudizzju fit-18 ta' Dicembru 2009 l-uniku rikors ghall-helsien mill-arrest taht garanzija sar fl-24 ta' Jannar 2012 id-detenzjoni tar-rikorrent sa minnufih qabel l-istess rikors kienet pjenament skont il-ligi li tipprekludi l-ghoti tal-helsien mill-arrest mill-Qorti *ex ufficio* meta dan il-helsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkuzat[6].

**45.** Peress izda li, kif inghad, b'rikors fl-24 ta' Jannar 2012 saret talba mir-rikorrent lill-Qorti tal-Appell Kriminali ghall-helsien mill-arrest taht garanzija u dik it-talba giet michuda jehtieg li jigi ezaminat jekk dik ic-cahda u l-konsegwenzjali kontinwazzjoni tad-detenzjoni kienux skont il-ligi jew le. L-istess rikors kien gie appuntat ghas-smiegh fl-1 ta' Frar 2012[7].

**46.** Fir-rikors promotorju jinghad li "fis-smiegh ghal-liberta` provizorja tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tnax (2012), l-argument ewlieni tal-esponenti kien, *inter alia*, illi huwa kien jinsab taht arrest illegali u dan ai termini tal-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali."[8]

---

[6] Art 582(1) Kodici Kriminali
[7] Digriet a fol. 118
[8] Para. 8 tar-rikors promotorju, fol. 2-3

**47.** Dak li jirrizulta mill-atti tal-process, izda, hu li fir-rikors imsemmi tal-24 ta' Jannar 2012[9] ma hemmx l-icken accenn ghal xi allegazzjoni li d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent kienet kontra l-ligi ghaliex kien skada z-zmien previst mil-ligi ghad-detenzjoni tieghu u anqas ma hemm l-icken accenn ghall-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali u wisq anqas ghall-Artikolu 575(7) imsemmi. Ir-ragunijiet migjuba fl-istess rikors in sostenn tat-talba ghall-helsien mill-arrest huma ben diversi.

**48.** Ir-rikorrent, izda, jghid li kien fil-kors tas-smiegh tar-rikors fl-1 ta' Frar 2012 li sar l-argument li huwa kien jinsab taht arrest illegali ai termini tal-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali. Din l-allegazzjoni, izda, ma tinsabx sostnuta minn ebda prova.

**49.** Inoltre, kieku giet sollevata l-illegalita` tad-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent waqt is-smigh tar-rikors imsemmi ghall-helsien mill-arrest hu mistenni li din il-kwistjoni tigi b'xi mod indirizzata fid-digriet relattiv tal-Qorti fuq dak ir-rikors mentri mill-istess digriet[10] xejn minn dan ma jirrizulta u fih ma hemmx l-icken accenn ghal xi sottomissjoni tad-difiza f'dan ir-rigward. Anqas jirrizulta xi tentattiv da parti tar-rikorrent wara l-istess digriet sabiex jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-allegat nuqqas taghha li tindirizza s-sottomissjoni hekk imsejha "ewlenija" tieghu. L-ewwel darba li saret din l-allegazzjoni kienet fir-rikors

[9] Ara rikors fol. 114
[10] Fol. 119

promotorju tal-gudizzju fis-26 ta’ April 2012 mentri d-digriet li bih il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet il-helsien mill-arrest inghata fl-1 ta’ Frar 2012. Ghalhekk ir-rikorrent kellu kwazi tliet xhur shah li fihom seta jadixxi lill-Qorti tal-Appell Kriminali b’rikors iehor ghall-helsien mill-arrest li fih seta jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-pretensjoni tieghu allegatament sollevata minnu fil-kors tas-smiegh tar-rikors precedenti tal-24 ta’ Jannar 2012.

**50.** Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taghti affidament lill-allegazzjoni tar-rikorrent maghmula fir-rikors promotorju tal-gudizzju li fil-kors tas-smiegh tar-rikors ghall-helsien mill-arrest fuq imsemmi qatt giet sollevata l-kwistjoni tal-allegata detenzjoni illegali tar-rikorrent bhala raguni ghall-helsien mill-arrest tieghu.

**51.** Ghalhekk, dak li jirrizulta li kellha quddiemha l-Qorti tal-Appell Kriminali bir-rikors tar-rikorrent tal-24 ta’ Jannar 2012 ma kienx talba ghall-helsien mill-arrest minhabba skadenza tat-terminu tad-detenzjoni preventiva izda talba ghall-helsien mill-arrest ghal ragunijiet li ma ghandhom x’jaqsmu xejn mal-iskadenza tat-terminu tad-detenzjoni preventiva. Fuq it-talba kif impostata mir-rikorrent, ghalhekk, ma kien hemm ebda obbligu fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali li tilqa’ dik it-talba peress li fuq talba bhal dik ma hemm ebda obbligu imposta mil-ligi li tali talba tintlaqa’.

**52.** B'danakollu, ghalkemm il-premess ghandu jincidi fuq ir-rimedju li l-appellant jinghata f'kaz ta' sejbien tal-lezjoni tal-Konvenzjoni, ma hemmx dubju li wara r-rikors tar-rikorrent tal-24 ta' Jannar 2012 li bih talab ghall-helsien mill-arrest taht garanzija dik it-talba, skont il-ligi, kellha tintlaqa' peress li sa dakinhar ir-rikorrent kien gia` ilu detenut in eccess tal-perjodu massimu ta' tnax-il xahar mid-data tar-rinviju ghall-gudizzju. Dik it-talba jirrizulta li giet michuda u ghalhekk l-istess cahda ma tistax hlief tkun kontra l-ligi u ghalhekk anki l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni sussegwenti ma tistax hlief tkun kontra l-ligi.

**53.** Meta l-Avukat Generali gie notifikat bir-rikors tar-rikorrent tal-24 ta' Jannar 2012[11] li bih ir-rikorrent kien qieghed jitlob il-helsien mill-arrest taht garanzija, kien jispetta lill-istess Avukat Generali jivverifika jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrent wara li sar l-istess rikors kinitx tkun skont il-ligi, u fl-eventwalita` li jirrizultalu li dik il-kontinwazzjoni ma kinitx tkun skont il-ligi kien jinkombi fuqu li dan jirrilevah lill-Qorti u ma jopponix ghall-helsien mill-arrest. Dan ma jirrizultax li sar u anzi l-Avukat Generali jirrizulta li "oggezzjona b'qawwa" ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Jidher li l-Avukat Generali ffoka esklussivament fuq ir-ragunijiet moghtija mir-rikorrent fir-rikors tieghu msemmi li fosthom, kif inghad, ma kienx gie allegat li kienu skadew it-termini tad-detenzjoni preventiva massima, u sejjes l-oppozizzjoni tieghu unikament fuq ir-ragunijiet moghtija fl-istess rikors. Din hi certament

[11] Ir-rikors gie notifikat lill-Avukat Generali fl-istess data li sar ir-rikors fl-24 ta' Jannar 2012 u wiegeb skont il-ligi fil-25 ta' Jannar 2012: fol. 117

cirkostanza relevanti ghall-finijiet tar-rimedju li jista' jkun talvolta mehtieg f'kaz ta' sejbien ta' ksur. Izda, tenut kont tad-dispozizzjoni kategorika u tassattiva tal-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali li "Il-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jinghata wkoll dejjem..." fil-kaz li s-sentenza finali ma tinghatax fit-terminu previst mil-ligi, l-Avukat Generali kien tenut li jivverifika dwar il-legalita` tal-kontinwazzjoni tad-detenzjoni qabel jiddeciedi li jopponi ghall-helsien mill-arrest.

**54.** Ghaldaqstant meta l-Avukat Generali fl-24 ta' Jannar 2012 oppona ghat-talba tar-rikorrent tal-24 ta' Jannar 2012 ghall-helsien mill-arrest u meta l-Qorti konsegwentement cahdet l-istess talba l-kontinwazzjoni sussegwenti tad-detenzjoni tar-rikorrent ma kinitx aktar wahda skont il-ligi u din ippersistiet sas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Marzu 2012, cioe` ghall-perjodu ta' cirka xahar u ghoxrin jum. Isegwi li ghal dan il-perjodu kien hemm lezjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja li jirrikjedi li d-detenzjoni, sabiex tkun gustifikata taht l-istess artikolu, trid tkun skont il-ligi.

**55.** Dan l-aggravju, ghalhekk, ghalkemm mhux necessarjament ghal kollox ghall-istess ragunijiet moghtija mir-rikorrent, qieghed jigi akkolt u din il-Qorti ssib li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni inkwantu ghad-detenzjoni kontinwata tal-appellant mill-24 ta' Jannar 2012 sal-15 ta' Marzu 2012.

**Ir-Raba’ Aggravju**

Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni

*Verzjoni tar-rikorrent appellant*

**56.** Skont ir-rikorrent appellant, l-ewwel Qorti kienet zbaljata fid-dritt meta sabet illi ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja peress li huwa seta’ jipprezenta talbiet ghall-helsien mill-arrest kemm-il darba ried. Huwa serrah l-aggravju tieghu fuq dak deciz mill-Qorti Ewropeja fis-sentenzi taghha **Kadem v. Malta** u **Sabeur Ben Ali v. Malta**. Sostna illi hu ma kellux il-fakulta` li jitlob revizjoni tal-legalita` tad-detenzjoni tieghu u l-helsien mill-arrest.

**57.** Huwa zied illi l-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi ghas-sindakar ta’ detenzjoni allegata li tkun kontra l-ligi, japplika biss ghal min jinsab ghaddej minn proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk meta l-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest huwa ma setax jipprevalixxi ruhhu mill-procedura prevista f’dak l-artikolu u l-uniku rimedju li kellu sabiex jitlob stharrig tal-legalita` tad-detenzjoni tieghu f’dak il-punt kien ir-rimedju kostituzzjonali, li wkoll mhuwiex bizzejjed biex jiggarantixxi d-drittijiet tal-appellant taht l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

*Verzjoni tal-Intimati appellati*

**58.** L-intimati appellati jghidu illi dan l-aggravju huwa infondat u li l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja huma legalment korretti u konformi mal-interpretazzjoni moghtija lill-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.

**59.** Huma jzidu illi r-rikorrent appellant seta' juzufruwixxi mill-procedura prevista fl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni kemm ried taht il-Kodici Kriminali peress li t-talba ghall-helsien mill-arrest setghet issir diversi drabi kemm fi proceduri fil-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fi proceduri fil-Qorti tal-Appell u li ghalhekk ma hux minnu li l-uniku rimedju disponibbli ghalih kien dak kostituzzjonali.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**60.** Il-Qorti tibda billi tirrileva li s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja fil-kazijiet ta' **Kadem v. Malta** u **Sabeur Ben Ali v. Malta** jirrisalu ghal zmien meta l-uniku artikolu li f'Malta kien meqjus bhala li jipprovdi r-rimedju ta' *habeas corpus* kien l-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali. Minn dak iz-zmien gew introdotti fil-Kodici Kriminali diversi dispozizzjonijiet legali li specifikatament jipprovdu ghas-sindakar tal-legalita` tad-detenzjoni ta' persuna detenuta fid-diversi stadji tal-proceduri kriminali fosthom l-Artikoli 409A (fil-kaz ta' persuna detenuta izda

mhux fil-kors ta' proceduri kriminali) u 412B (fil-kaz ta' persuna detenuta fil-kors ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati).

**61.** Ir-rikorrent appellant jallega li l-Artikolu 412B japplika biss ghal min ikun ghaddej minn proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li ghalhekk quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellux tali rimedju disponibbli ghalih. F'dan l-appellant ma hux korrett. Di fatti l-Artikolu 525(2A) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li l-Artikolu 412B(1) u (2) ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* kemm ghall-Qorti Kriminali ghar-rigward ta' persuna li tkun taht arrest ghal reat li dwaru jkun gie pprezentat att tal-akkuza kif ukoll ghall-Qorti tal-Appell Kriminali ghar-rigward ta' persuna li tkun taht arrest u li tkun parti fi proceduri tal-appell quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant, l-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali kien japplika fis-sitwazzjoni tal-appellant li ghalhekk seta' meta jrid u kemm irid jadixxi lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tigi sindakata l-legalita` tad-detenzjoni tieghu. Dan ifisser li l-appellant kellu "dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta` tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-ligi".

**62.** Dan l-aggravju huwa ghalhekk respint u l-Qorti konsegwentement ma ssibx lezjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.

**Il-Hames Aggravju**

Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minhabba nuqqas ta' imparzjalita` tal-Qorti

*Verzjoni tar-rikorrent appellant*

**63.** Fil-hames aggravju tieghu r-rikorrent appellant isostni li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni gie lez fil-konfront tieghu peress illi ma kellu l-ebda mod sabiex jindirizza d-dubju li kellu rigward l-imparzjalita` tal-Qorti ghaliex il-ligi telenka c-cirkostanzi li jaghtu lok ghar-rekuza tal-gudikant mentri c-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jaqghux fost ic-cirkostanzi elenkati. F'dan ir-rigward l-appellant irrefera ghas-sentenza tal-Qorti fi Strasburgu fil-kawza fl-ismijiet **Remli v. France**[12]

**64.** Izid jghid li l-gudikant inkwistjoni, minflok ma akkorda lill-appellant l-liberta` provizorja kif kien mitlub li jaghmel skont l-Artikolu 575(7) tal-Kodici Kriminali, iddecieda li jappunta lilu nnifsu sabiex jisma' l-appell tal-appellant, meta tali decizjoni ma ssib l-ebda bazi fil-ligi tal-procedura kriminali nostrana, dan qajjem dubju ragjonevoli f'mohh l-istess appellant rigward l-imparzjalita` tal-Qorti.

[12] 23/4/1996

**65.** Ir-rikorrent kompla billi sostna li l-Qorti tal-Appell Kriminali kif komposta fl-appell tieghu kellha *pre-formed opinion* rigward il-htija tieghu li jqajjem dubju ragjonevoli rigward l-imparzjalita` tal-Qorti u dan ghaliex fid-digriet relevanti l-Qorti qalet illi l-liberta` provizorja kienet qed tigi michuda ghaliex "*is-socjeta` ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati*" u li "*il-Qorti jidrilha li darba mehlus hemm possibilita kbira li r-rikorrenti jerga' jikkometti xi reat iehor*".

*Verzjoni tal-Intimati appellati*

**66.** Il-intimati appellati jsostnu illi mhux kull dubju dwar l-imparzjalita` oggettiva ta' gudikant huwa ammissibbli ghal fini ta' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali imma d-dubju jrid ikun wiehed legittimu u oggettivament gustifikat.

**67.** Skont l-intimati appellati, din il-gustifikazzjoni oggettiva ghal dubju dwar l-imparzjalita` tal-imhallef li ppresjeda l-appell kriminali fil-kaz in dezamina ma kinitx tezisti u m'hemm xejn x'jindika li l-Imhallef kien diga` fforma opinjoni f'mohhu qabel ma beda jisma' l-appell.

**68.** L-intimati appellati jsostnu li l-Imhallef f'dak l-istadju ddikjara fatti oggettivi fil-kuntest biss tal-kwistjoni dwar l-affidabilita` tar-rikorrent ghat-talba

ghall-ghoti tal-liberta` provizorja u li dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-konsiderazzjonijiet li l-istess gudikant kellu eventwalment jaghmel dwar il-kwistjoni tal-htija o meno tar-rikorrent appellant.

**69.** L-intimati appellati jzidu illi s-sentenza finali nfisha mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija ben motivata u bazata fuq skrutinju shih tal-provi migjuba.

**70.** Inkwantu ghas-sentenza fil-kaz **Remli v. France** citata mill-appellant, l-intimati appellati spjegaw ghaliex ic-cirkostanzi ta' din il-kawza huma ferm differenti minn dawk li graw fil-kaz.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**71.** Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li l-fatti tal-kaz decizi bis-sentenza kif kaz ta' *Remli* li fuqha jinsisti hafna l-appellant kienu ferm differenti minn dawk ta' dan il-kaz. Anqas hu korrett li l-ksur ravvizat f'dik is-sentenza kien minhabba li "s-sistema legali Franciza ma kienetx tipprovdi rimedji ghal sitwazzjonijiet fejn imputat ikollu dubju rigward l-imparzjalita` ta' xi gudikant"[13]. Di fatti fl-istess sentenza f'aktar minn okkazzjoni wahda jinghad li dik l-Qorti Franciza kellha l-kompetenza taghmel l-indagni li giet rikjesta minna. Hekk, per ezempju, fis-sentenza jinghad li *"The Rhône Assize Court, however, had dismissed his*

[13] #37 tar-rikors tal-appell

*application for formal note to be taken of the remark in issue, although it had had jurisdiction to allow it.[14]"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan gie ribadit fejn fl-istess sentenza jinghad li *"Nor did it order that evidence should be taken to verify what had been reported – and, if it was established, take formal note of it as requested by the defence – although it could have done so[15]."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Dak li f'dik is-sentenza wassal ghall-konkluzjoni li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 kien ghaliex bhala fatt il-Qorti Franciza ma ghamlitx l-indagni li skont il-ligi setghet taghmel. Tajjeb ukoll li jizdied, izda, li fl-istess sentenza l-Qorti ta' Strasburgu rriteniet li *"Article 6 para. 1 (art. 6-1) of the Convention imposes an obligation on every national court to check whether, as constituted, it is "an impartial tribunal" within the meaning of that provision where, as in the instant case, this is disputed on a ground that does not immediately appear to be manifestly devoid of merit."*

**72.** Fil-kaz tal-lum il-Qorti tal-Appell Kriminali qatt ma tqeghdet f'qaghdha li tiddeciedi tindagax jew le dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` taghha ghaliex il-kwistjoni qatt ma giet ventilata quddiemha. L-appellant jidher li jirritjeni li dan ma ghamlux ghaliex skont hu c-cirkostanza li fuqha ried jistrieh biex jimpunja l-imparzjalita` tal-gudikant ma kinitx fost ic-cirkostanzi elenkati fil-ligi bhala raguni li taghti lok ghar-rekuza tal-gudikant.

---

[14] #43 tas-sentenza
[15] #47

**73.** Ir-raguni li l-appellant isostni kienet iggib fid-dubju l-imparzjalita` tal-gudikant fil-Qorti tal-Appell Kriminali hija li fid-digriet li bih l-istess gudikant cahad talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest taht garanzija esprima ruhu bil-kliem *"is-socjeta` ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati. Il-Qorti jidrilha li darba mehlus hemm possibilta` kbira li r-rikorrent jerga' jikkommetti xi reat iehor."* (sottolinear tar-rikorrent appellant). B'hekk, skont l-appellant, il-Qorti tal-Appell Kriminali kif kienet komposta fl-appell tieghu *"kellha pre-formed opinion rigward il-htija tieghu."* Dak allegat mir-rikorrent appellant ma hi xejn hlief allegazzjoni li l-gudikant li ppresjeda l-appell tieghu kie gia` ppronunzjah hati fid-digriet tieghu li bih cahad il-helsien mill-arrest lill-appellant. Tali allegazzjoni gia` giet ripetutament ritenuta fil-gurisprudenza tal-qrati kriminali li tinkwadra fil-paragrafu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12 applikabbli ghall-Qorti tal-Appell bl-Artikolu 510(2) u 446(2) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma hix korretta l-allegazzjoni tal-appellant li c-cirkostanza li ried jinvoka sabiex jimpunja l-imparzjalita` tal-gudikant fil-Qorti tal-Appell ma kinitx tinkwadra fir-ragunijiet ta' rekuza skont il-ligi.

**74.** Inkwantu ghas-silta citata mir-rikorrent mid-digriet tal-Qorti tal-Appell li bih cahdet it-talba ghall-helsien mill-arrest, u riprodottta kif minnu citata fil-paragrafu precedenti ta' din is-sentenza, ir-rikorrent ihalli barra l-kliem li jigu minnufih qabel is-silta citata minnu. Di fatti, is-silta relevanti shiha tghid kif gej:

> "*Filwaqt li tifhem u tapprezza l-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-dritt tal-libertá jprovvizorja, minn nahha l-ohra ma tistax twarrab is-serjetá tar-reat __li tieghu instab hati__ u t-theddia tieghu lejn* is-socjetá ghandha dritt tkun protetta mir-reati li taghhom jinsab hati. Il-Qorti jidrilha li darba mehlus hemm possibiltá kbira li r-rikorrent jerga' jikkommetti xi reat iehor." (il-parti bil-korsiv hija l-parti li thalliet barra mir-rikorrent, sottolinear ta' din il-Qorti)

**75.** Mis-silta shiha, ghalhekk, jirrizulta car li meta l-Qorti tkelmet dwar "ir-reati li taghhom jinsab hati" u l-perikolu li "jerga jikkommetti xi reat iehor" il-Qorti kienet qed tirreferi ghall-fatt li r-rikorrent kien gia` nstab hati tar-reat addebitat lilu. Il-fatt li s-sentenza inkwistjoni ma kinitx ghadha "finali" kif fuq spjegat ma jbiddel xejn mir-realta` li kien hemm sejbien ta' htija mill-Qorti tal-Magistrati ta' reat li l-Qorti tal-Appell qisitu bhala wiehed serju. Dan b'ebda mod ma jimplika li <u>l-Qorti tal-Appell</u> kienet hi wkoll qed tiddikjarah hati. Il-Qorti hi tal-fehma li dan juri kemm ir-rikorrent qatt ma kellu raguni oggettiva u fondata sabiex jibza' minn nuqqas ta' imparzjalita` tal-gudikant u li din kienet il-vera raguni ghaliex ir-rikorrent f'ebda stadju wara d-digriet imsemmi ma pprova jirrekuza lill-gudikant li kien jippresjedi l-Qorti tal-Appell.

**76.** Ir-rikorrent jissokkta fl-iskorrettezzi tieghu meta fir-rikors tal-appell jghid li *"l-gudikant inkwistjoni ... iddecieda li jappunta lilu nnifsu sabiex jisma l-appell tal-appellant, meta tali decizjoni ma ssib l-ebda bazi fil-ligi tal-procedura kriminali nostrana."* Dan ma hu veru xejn u hi biss dikjarazzjoni skonvolgenti li jew turi nuqqas ta' intendiment inavvertit ta' kif issir id-distribuzzjoni tad-doveri bejn il-gudikanti jew hu tentattiv serju sabiex tinghata impressjoni distorta tal-

affarijiet. Ir-rikorrent ma jikkontestax li l-gudikant inkwistjoni kien appuntat sabiex jippresedi fil-Qorti tal-Appell Kriminali tant li ma ssolleva ebda kwistjoni dwar hekk meta r-rikors tieghu gie appuntat ghas-smiegh quddiemu. La darba l-istess gudikant kien kjarament appuntat biex jippresjedi fil-Qorti tal-Appell Kriminali huwa kien pjenament in regola li jappunta l-appell tar-rikorrent ghas-smiegh fid-data u hin li deherlu u li jippresjedi fis-smiegh tal-istess appell. Jekk ir-rikorrent deherlu li dan kien jaghtih lok li jithasseb dwar l-imparzjalita` tal-gudikant seta', kif inghad, jirrekuzah u jekk dik it-talba tieghu tigi rifjutata seta' sahansitra ssolleva kwistjoni kostituzzjonali li setghet tigi riferita lill-qorti kompetenti b'kompetenza kostituzzjonali.

**77.** Dan l-aggravju wkoll ghalhekk qieghed jigi michud u din il-Qorti ma ssibx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) inkwantu li l-appellant jallega li ma giex processat minn Qorti mparzjali.

**<u>Is-Sitt Aggravju</u>**

<u>Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni – ksur tal-prezunzjoni ta' innocenza</u>

**78.** Permezz tas-sitt aggravju tieghu, ir-rikorrent appellant sostna illi l-pretenzjoni tieghu li d-dritt fundamentali tieghu li jigi prezunt innocenti gie miksur ma gietx indirizzata fis-sentenza appellata u li ghalhekk issa jispetta lil

din il-Qorti li tindirizza din il-pretenzjoni tieghu f'dan l-istadju. Huwa jsostni li d-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni li jkun prezunt innocenti gie miksur principalment ghaliex:

**1.** Ghall-identifikazzjoni tar-rikorrent appellant mix-xhud seduta stante l-ufficjal prosekutur staqsa lix-xhud jekk kinitx qed tara' wiehed "*bhalu jew simili*;" u l-ewwel Qorti accettat din id-domanda relevanti u li tista' twassal ghall-identifikazzjoni tal-appellant mix-xhud;

**2.** Qabel ma bdew il-proceduri gudizzjarji fil-konfront tieghu, l-awtoritajiet investigattivi lanqas biss segwew il-proceduri korretti ghal *identification parade*;

**3.** Peress illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tal-fehma illi jekk r-rikorrent appellant jinghata l-liberta` provizorja kien hemm riskju kbir illi huwa jerga' jikkommetti reat iehor, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi r-rikorrent appellant kien gie prezunt innocenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif titlob il-ligi.

**79.** Qabel xejn ghandu jigi rilevat li fir-rikors promotorju tal-gudizzju l-allegazzjoni tar-rikorrent ta' ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza kienet tirrigwarda cirkostanzi diversi minn dawk prospettati f'dan l-aggravju. Di fatti, ic-cirkostanzi allegati fir-rikors promotur, fosthom it-tielet cirkostanza msemmija fil-paragrafu qabel dan dwar kif esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet li bih cahdet il-helsien mill-arrest, gia` gew indirizzati minn

din il-Qorti fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-hames aggravju[16] li gie ritenut infondat bhalma, ghall-istess ragunijiet, hu infondat dan l-aggravju inkwantu jikkoncerna l-istess cirkostanza.

**80.** Iz-zewg cirkostanzi l-ohra li issa jaghmel riferenza ghalihom ir-rikorrent fir-rikors tal-appell tieghu (dwar id-domanda tal-prosekuzzjoni biex xhud jiddentifika lir-rikorrent, u dwar l-*identification parade*) gew sollevati mhux fir-rikors promotorju izda fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent tat-30 ta' Awwissu 2012[17] u specifikatament fil-paragrafi 35 u 37 tal-istess nota.

**81.** Dwar l-ewwel cirkostanza li tirrigwarda l-identifikazzjoni fl-awla tar-rikorrent jirrizulta li ma saret ebda oggezzjoni ghad-domanda inkwistjoni mid-difiza u l-Qorti ma gietx imsejha taghti xi provvediment fuq hekk u di fatti ma tat ebda provvediment bhal dak allegat.

**82.** Inoltre, saret kif saret id-domanda lix-xhud, dan fir-risposta tieghu kategorikament u inekwivokatament identifika lir-rikorrent. Di fatti, d-domanda <u>shiha</u> lix-xhud ma kinitx, kif allegat mill-appellant, semplicement jekk ix-xhud kienx qieghed jara wiehed "bhalu jew simili" izda d-domanda kienet "… qed tagharaf xi wiehed bhalu, jew simili <u>jew hu</u> go din l-Awla?" (sottolinear ta' din il-Qorti) L-iskambju shih kien kif gej:

---
[16] Ara para. 73 u 74
[17] Fol. 201 et seq.

> "Pros. Issa din il-persuna l-istess wahda li giet tipprova tagredixxik tajjeb, qed tagharaf xi wiehed bhalu, jew simili jew hu go din l-Awla?
>
> "Xhud: Hu
>
> "Pros: Min hu?
>
> "Xhud: Dak li hemm hemm.
>
> "Qorti: Ix-xhud qed tindika lill-imputat.
>
> "Pros: Certa minn dak li qed tghid?
>
> "Xhud: Iva
>
> "Pros: Xejn iktar Sinjura."

**83.** Inkwantu ghac-cirkostanza l-ohra dwar kif saret l-*identification parade* dwar dan ma saret ebda prova mid-difiza u ghalhekk l-ilment tieghu fir-rigward mhux sostnut.

**84.** Ghaldaqstant, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

**<u>Rimedju</u>**

Peress li din il-Qorti sabet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni[18] din il-Qorti trid tipprovdi ghal rimedju ghal-lezjoni riskontrata. Jirrizulta li eventwalment fil-proceduri kriminali relevanti l-appellant instab hati

[18] Ara para. 55 *supra*

u gie kkundannat ghall-piena kumplessiva ta' prigunerija ghal zmien tmien (8) snin u din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Kull perjodu ta' detenzjoni preventiva li ghamel l-appellant qabel is-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tieghu "jitqies", skont l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu u ghalhekk l-appellant ma huwa ser ikun ghamel ebda perjodu ta' detenzjoni aktar mill-perjodu ta' detenzjoni li ghalih gie kkundannat ghall-htija tar-reat tieghu. Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern id-dikjarazzjoni tal-lezjoni riskontrata tkun rimedju sufficjenti skont il-ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tilqa' in parti l-appell tar-rikorrent u tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent sancit bl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u tipprovdi li tali dikjarazzjoni hija rimedju sufficjenti ghal tali lezjoni, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jithallsu kwantu ghal tlett kwarti $(^{3}/_{4})$ mir-rikorrent appellant u kwart $(^{1}/_{4})$ mill-intimati appellati solidalment bejniethom. L-ispejjez tal-appell jithallsu kwantu ghal zewg terzi $(^{2}/_{3})$ mir-rikorrent appellant u kwantu ghal terz $(^{1}/_{3})$ mill-intimati appellati solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------